MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 717/2008

Tlata **Limited (C – 16319)**

**vs**

**Mario Muscat (karta ta’ l-identita` numru 665858 (M))**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur fuq riferit datat is-16 ta’ Lulju, 2008, li permezz tieghu, s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 Illi s-socjeta` rikorrenti hi kreditrici ta’ l-intimat fis-somma ta’ tlieta u ghoxrin elf, hames mija u sebgha u ghoxrin Ewro u tnejn u hamsin centezmu, (€23,527.52);

1.2 Illi dan l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti hu dovut mill-intimat ghal xoghol li sar mis-socjeta` rikorrenti f’sit maghruf ta’ Has-Saptan fuq inkarigu tal-istess intimat;

1.3 Illi nonostante li l-intimat kien debitament interpellat, baqa’ inadempjenti;

1.4 Illi konsegwentement is-socjeta` rikorrenti aderiet din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jirrispondi ghas-segwenti domandi biex din il-qorti:

1.4.1. Tiddikjara li l-intimat hu debitur tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont fuq gia` indikat;

1.4.2. Tikkundanna lill-istess intimat ihallas l-ammont fuq riferit fl-intier tieghu oltre l-interessi fuqu dovuti sal-hlas tal-effettiv pagament;

2.0. Rat ir-risposta guramentata konsegwenzjali datata d-29 ta' Dicembru, 2008, li permezz taghha l-intimat wiegeb sintetikament is-segwenti:

2.1 Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma infondati;

2.2 Illi l-intimat mhux debitur tas-socjeta` rikorrenti;

2.3 Illi hi s-socjeta` rikorrenti li ghandha taghti flus lill-intimat ghad-danni rizultati;

2.4 Illi l-intimat inkariga lis-socjeta` rikorrenti biex twettaq xoghol ta' kostruzzjoni f'sit f'Has Saptan;

2.5 Illi wara li x-xoghol *de quo* gie abbandunat, inqala' dizgwid bejn il-kontendenti rigwardanti l-valur tax-xoghol imwettaq mis-socjeta` rikorrenti tramite s-sub-appaltaturi mqabbda minnha;

2.6 Illi in effetti, kif certifikat minn perit *ex parte*, is-socjeta` rikorrenti:

2.6.1. Ghamlet xoghol mhux skont is-sengha u l-arti;

2.6.2. Ikkawzat hsarat fuq is-sit;

2.7 Illi sal-mument li s-socjeta` rikorrenti abbandunat ix-xoghol in dizamina, l-intimat kien lahaq hallasha s-somma ta' erbgha u tletin elf u hamsa u tmenin Ewro u tmienja u tletin centezmu, (€34,085.38);

2.8 Illi x-xoghol li sar sa dak il-mument kien ta' sebgha u tletin elf, erbgha mija u tnejn u hamsin Ewro u tmienja u sebghin centezmu, (€37,452.78), kif debitament certifikat;

2.9 Illi l-bilanc dovut mill-intimat lis-socjeta` rikorrenti ghalhekk jammonta biss ghal tlett elef, sitt mija u sebgha u sittin Ewro u tmienja u tletin centezmu, (€3,367.38), (ara fol 19);

2.10 Salv eccezzjonijiet ohra;

2.11 Illi ghalhekk l-intimat jitlob li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

3. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-26 ta’ Frar, 2009, li permezz tieghu hatret assistent gudizzjarju ghall-finijiet hemm indikati, (ara fol 21);

4. Rat id-digriet taghha datat it-3 ta’ Novembru, 2011, li permezz tieghu ordnat li ghar-raguni hemm indikata, l-inkartament f’idejn l-assistent gudizzjarju kellu jigi ritornat fl-atti, (ara fol 28);

5. Rat in-nota tar-Registratur hemm indikat datata t-30 ta’ Dicembru, 2011, li permezz taghha annetta l-inkartament *de quo*, fl-atti ta’ din il-procedura, (ara fol 30);

6. Rat id-digriet taghha datat is-16 ta’ Mejju, 2013, li permezz tieghu, awtorizzat lill-partijiet jitrattaw il-kaz taghhom bil-modalita` hemm indikata, (ara fol 138);

7. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-intimat datata t-8 t’Ottubru, 2013, (ara fol 139);

8. Ezaminat ix-xhieda mismugha mill-assistent gudizzjarju u d-dokumenti kollha esebiti;

9. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

10. Tirrileva li nonostante l-opportunita` koncessa lis-socjeta` rikorrenti biex tipprezenta nota ta’ sottomissjonijiet din ghazlet li tissorvolha;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi l-fatti rilevanti tal-procedura odjerna skont is-socjeta` rikorrenti jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

11.1 Illi l-intimat kien qabbad lis-socjeta` rikorrenti tibnilu garaxx fil-*basement level* f'Has Saptan;

11.2 Illi l-partijiet qablu fuq ir-rati tax-xoghol involut kif jidher mill-firma taghhom a fol 36;

11.3 Illi x-xoghol involut dam ghaddej ghal madwar sena;

11.4 Illi l-intimat kien ihallas ammonti akkont lis-socjeta` rikorrenti ghal dan ix-xoghol matul dawn il-perjodi;

11.5 Illi dwar il-kejl tax-xoghol maghmul il-partijiet dejjem qablu;

11.6 Illi f'laqgha li kienet saret bejn il-kontendenti fl-ufficcju tal-perit tal-intimat il-partijiet ma qablux u l-intimat beda jsostni li kien effettwa aktar pagamenti minn dak li kien qed jirrizulta lis-socjeta` rikorrenti;

11.7 Illi s-socjeta` rikorrenti giet estromessa mix-xoghol fuq indikat u ghad fadlilha xi armar u affarijiet ohra fil-fond *de quo*;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi l-fatti rilevanti tal-procedura odjerna skont l-intimat jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

12.1 Illi hu kien inkariga lis-socjeta` rikorrenti biex tibnilu binja f'Hal Far;

12.2 Illi l-garaxx kien gia` lest u x-xoghol kien qed ikompli jinbena fuq l-istess garaxx;

12.3 Illi l-intimat kien gie moghti karta bil-prezzijiet u bir-rati tax-xoghol involut biex hu jkun jista' jezaminha u jinnegozja fuqha;

12.4 Illi ma' l-ewwel kejl moghti mis-socjeta` rikorrenti attrici lill-intimat dan hadhom ghand il-perit tieghu li ivverifikhom mas-*surveyor* li sab li kien jaqbel ma' xi affarijiet, izda mhux ma' kollox peress li inhass li xi rati kienu gholjin;

12.5 Illi wara laqgha twila ghand il-perit tal-intimat il-partijiet ikkonkludew ftehim ghalkemm ma iffirmaw xejn, (ara fol 122);

12.6 Illi fil-frattemp l-intimat dejjem kien jixtri l-affarijiet li s-socjeta` rikorrenti kienet tghidlu biex jixtri;

12.7 Illi jidher li d-dizgwid li wassal ghall-procedura odjerna inqala' fuq l-ahhar kont, (ara fol 122);

12.8 Illi l-pagamenti mill-intimat lis-socjeta` rikorrenti kien isir wara li jinqata' l-ammont imhallas mill-intimat ghall-materjal minnu mixtri fuq struzzjonijiet tal-istess u wara li ssir id-debita verifika tar-ricevuti involuti;

12.9 Illi f'mument minnhom is-socjeta` rikorrenti waqfet mix-xoghol ghall-perjodu ta' xahrejn u dan, minghajr raguni;

12.10 Illi meta s-socjeta` rikorrenti intalbet raguni ghal dan, l-intimat kien jigi assigurat li x-xoghol kien ser jitkompla;

12.11 Illi sussegwentement ir-raguni ghal din l-interruzzjoni inbidlet u l-istess socjeta` rikorrenti bdiet issostni li kien ghad hemm xi pendenzi x'jigu saldati qabel ma jitkompla x-xoghol;

12.12 Illi l-intimat irribatta li dan ma kienx minnu ghaliex il-kontijiet dejjem kien hallashom, (ara fol 123);

12.13 Illi f'dan ir-rigward l-intimat isostni li effettivament kien hemm pendenza wahda ta' erbat elef Ewro, (€4,000.00);

12.14 Illi ghalkemm saru tentattivi biex jigi superat l-impass li sabu ruhhom fih, il-partijiet m'gharfux jissuperawh;

12.15 Illi mir-rapport tal-perit tal-intimat jirrizulta liema mix-xoghlijiet involuti huma kontestati, (ara fol 16 *et sequitur*);

Ikkunsidrat:

13.0. Illi in effetti r-rizultanzi fuq sintetikament elenkati jikkristallizzaw il-pozizzjonijiet intransigenti assunti mill-kontendenti fejn jirrizulta biss li:

13.1 Is-socjeta` rikorrenti qed tallega li l-intimat ghandu jtiha l-ammont minnha riklamat fir-rikors guramentat promotur taghha, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.) aktar qabel);

13.2 L-intimat isostni li mill-kontijiet imkejla miz-zewg partijiet hu ghandu jaghti biss l-ammont t'erbat elef Ewro, (€4,000.00), kif minnu sostenut fix-xhieda tieghu quddiem l-assistent gudizzjarju, (ara fol 123), liema ammont jirrizulta debitament suffragat mid-dokumentazzjoni minnu annessa mar-risposta tieghu ghar-rikors guramentat promotur, (ara fol 16 *et sequitur*);

Ikkunsidrat:

14. Illi l-principju sottolineat mill-intimat li "*onus probandi incumbiet ei qui dicit, non ei qui negat*" hu wiehed san li din il-qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li tonora;

15. Illi ghalhekk mix-xhieda u dokumenti ipprezentati mis-socjeta` rikorrenti jirrizulta biss "allegazzjoni" ta' l-ammont minnha rikjamat u ma jirrizultax li ingabet prova tangibbli minnha fir-rigward;

16. Illi ghalhekk din il-qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li tiddikjara li s-socjeta` rikorrenti ipprezentat biss allegazzjoni mhux debitament sostanzjata;

17. Illi ghalhekk tali allegazzjoni ma tistax tigi ikkunsidrata bhala fatt verifikabbli u dispendibbli;

18. Illi *di piu`*, jirrizulta li l-pagamenti precedentement effettwati mill-intimati dejjem saru a bazi ta' verifiki ta' rapprezentanti teknici tal-partijiet;

19. Illi ghandu jinghad ukoll li kienet is-socjeta` rikorrenti li tterminat ir-relazzjoni appaltatrici bejn il-partijiet;

**DECIDE:**

20.0. Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti ma tqisx li s-socjeta` rikorrenti ippruvat il-kaz taghha skont il-ligi u konsegwentement:

20.1 Tirrespingi t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti;

20.2 Takkolji t-talbiet kollha tal-intimat;

20.3 Illi *di piu`*, fuq l-ammissjoni tal-istess intimat Mario Muscat, tikkundanna lill-istess intimat ihallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont, t'erbat elef Ewro, (€4,000.00), ammont minnu stess dikjarat lilha dovut, u dan, bl-imghax mis-16 ta' Lulju, 2008, sad-data tal-pagament effettiv;

20.4 Tordna wkoll li l-ispejjez ta' din il-procedura jinqasmu fil-kwoti segwenti:

20.4.1 Tlett kwarti (3/4) tal-ispejjez ikunu a karigu tal-intimat Mario Muscat;

20.4.2 Kwart (1/4) tal-ispejjez ikunu a karigu tas-socjeta` rikorrenti Tlata Limited.

__________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------